SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

27 ta' April 2023 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumaturi – Direttiva 93/13/KEE – Klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi – Artikoli 6 u 7 – Kuntratti ta' self f'munita barranija – Konsegwenzi ġuridiċi tad-dikjarazzjoni ta' invalidità ta' kuntratt ta' self minħabba n-natura inġusta ta' klawżola ta' dan il-kuntratt – Klawżola kuntrattwali li tqiegħed ir-riskju tal-kambju fuq il-konsumatur"

Fil-Kawża C-705/21,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Győri Ítélőtábla (il-Qorti tal-Appell Reġjonali ta' Győr, l-Ungerija), permezz ta' deċiżjoni tal-10 ta' Novembru 2021, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-23 ta' Novembru 2021, fil-proċedura

MJ

vs

AxFina Hungary Zrt.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn M. Safjan, President tal-Awla, N. Piçarra u N. Jääskinen (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal MJ, minn L. Marczingós, ügyvéd,

– għal AxFina Hungary Zrt., minn T. L. Horváth, ügyvéd,

– għall-Gvern Ungeriż, minn M. Z. Fehér u K. Szíjjártó, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn N. Ruiz García u Zs. Teleki, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż.

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 6(1) u tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288, rettifika fil-ĠU 2023, L 17, p. 100).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn MJ u AxFina Hungary Zrt. (iktar 'il quddiem "AxFina") dwar il-konsegwenzi ġuridiċi tad-dikjarazzjoni ta' invalidità ta' kuntratt ta' self iddenominat f'munita barranija, iżda rimborsabbli fil-munita nazzjonali, minħabba n-natura inġusta ta' klawżola ta' dan il-kuntratt li tqiegħed ir-riskju tal-kambju fuq il-konsumatur.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 jgħid li:

"L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu li klawżoli inġusti użati f'kuntratt konkluż ma konsumatur minn bejjiegħ jew fornitur għandhom, kif previst fil-liġi nazzjonali tagħhom, ma jkunux jorbtu lill-konsumatur u li l-kuntratt għandu jkompli jorbot lill-partijiet fuq dawn il-klawżoli jekk dan ikun kapaċi jkompli jeżisti mingħajr il-klawżoli inġusti."

4 L-Artikolu 7(1) ta' din id-direttiva jistabbilixxi li:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fl-interessi tal-konsumaturi u l-kompetituri, jeżistu mezzi adegwati u effettivi biex jipprevjenu li jibqgħu jintużaw klawżoli inġusti f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi mill-bejjiegħa jew fornituri."

Id-dritt Ungeriż

5 L-Artikolu 231(1) tal-Polgári Törvénykönyvről szóló 1959. évi IV. törvény (il-Liġi Nru IV tal-1959 li Tistabbilixxi l-Kodiċi Ċivili), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Ċivili"), kien jipprevedi li, sakemm ma jiġix stipulat mod ieħor, dejn ta' somma ta' flus għandu jitħallas fil-munita legali fil-post tal-ħlas.

6 Mill-Artikolu 232(1) u (2) tal-Kodiċi Ċivili jirriżulta li, fir-relazzjonijiet kuntrattwali, ħlief fil-każ ta' eċċezzjoni prevista mil-liġi, huma dovuti interessi u li r-rata ta' interessi applikabbli hija ugwali għar-rata bażika tal-bank ċentrali.

7 Skont l-Artikolu 237(1) ta' dan il-kodiċi, fil-każ ta' kuntratt li ma huwiex validu, għandha tipprevali s-sitwazzjoni li kienet teżisti qabel il-konklużjoni tal-imsemmi kuntratt.

8 Skont l-Artikoli 237(2) tal-imsemmi kodiċi, jekk ma jkunx possibbli li tipprevali s-sitwazzjoni li kienet teżisti qabel il-konklużjoni ta' kuntratt, il-qorti tista' tiddikjara dan il-kuntratt applikabbli sakemm tkun tat id-deċiżjoni. Skont din id-dispożizzjoni, kuntratt li ma huwiex validu jista' jiġi ddikjarat validu jekk ikun possibbli li tintemm il-kawża ta' invalidità. F'każ bħal dan, għandha tiġi ordnata r-restituzzjoni tas-servizz li jkun għadu dovut, jekk ikun il-każ, mingħajr korrispettiv.

9 Skont id-dispożizzjonijiet tal-az egyes fogyasztói kölcsönszerződések devizanemének módosulásával és a kamatszabályokkal kapcsolatos kérdések rendezéséről szóló 2014. évi LXXVII. törvény (il-Liġi Nru LXXVII tal-2014 li Tirregola Kwistjonijiet Marbuta mat-Tibdil tal-Munita li Fiha Huma Ddenominati Ċerti Kuntratti ta' Self u mar-Regoli fil-Qasam tal-Interessi), il-kuntratti ta' self iddenominati f'munita barranija ġew emendati għall-futur, b'effett mill-1 ta' Frar 2015. Permezz ta' din il-liġi, il-leġiżlatur Ungeriż ippreveda b'mod partikolari l-konverżjoni f'munita nazzjonali tal-krediti li jkunu għadhom dovuti, iddenominati f'munita barranija fid-data prevista mil-liġi, u ppreċiża l-kriterji li jippermettu li tiġi ddeterminata r-rata tal-interessi applikabbli fil-kuntratti inkwistjoni.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

10 Fit-13 ta' Frar 2008, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kkonkludiet kuntratt ta' self u ta' opzjoni mal-predeċessur legali ta' AxFina, sabiex tixtri vettura. L-ammont effettiv ta' dan is-self kien jammonta għal 2 830 000 forint Ungeriż (HUF) (madwar EUR 7 126), b'perijodu ta' rimbors ta' 120 xahar, fejn ammont ta' HUF 920 862 (madwar EUR 2 319) kien previst bħala interessi għal dan il-perijodu kollu.

11 Dan il-kuntratt kien jipprevedi self iddenominat fi franki Svizzeri (CHF) u rimborsabbli f'forint Ungeriżi. Il-varjazzjoni fir-rata tal-kambju bejn il-forint Ungeriż u l-frank Svizzeru affettwat l-obbligu ta' rimbors tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, li kompliet tħallas pagamenti mensili sax-xahar ta' Awwissu 2015.

12 Il-Győri Ítélőtábla (il-Qorti tal-Appell Reġjonali ta' Győr, l-Ungerija), li hija l-qorti tar-rinviju, iddikjarat l-imsemmi kuntratt null għar-raġuni li l-klawżola tiegħu li tqiegħed ir-riskju tal-kambju fuq il-konsumatur kienet inġusta.

13 Barra minn hekk, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, skont il-leġiżlazzjoni Ungeriża applikabbli, il-kuntratt ta' self inkwistjoni kien ukoll invalidu għar-raġuni li l-klawżola tiegħu li tgħid li l-rata tax-xiri kienet ser tiġi applikata mal-ħruġ tas-self, filwaqt li r-rata tal-bejgħ, jew kwalunkwe rata tal-kambju oħra differenti minn dik stabbilita waqt dan il-ħruġ tas-self, tapplika għar-rimbors ta' dan is-self.

14 Wara d-dikjarazzjoni ta' invalidità ta' dan il-kuntratt mill-qorti tar-rinviju, il-proċedura kompliet quddiem il-qorti tal-ewwel istanza, is-Szombathelyi Törvényszék (il-Qorti ta' Szombathely, l-Ungerija), dwar id-determinazzjoni tal-konsegwenzi ġuridiċi ta' din id-dikjarazzjoni ta' invalidità.

15 Fil-kuntest ta' appell, il-kawża tressqet mill-ġdid quddiem il-qorti tar-rinviju.

16 Din il-qorti tqis li l-kuntratt ta' self inkwistjoni ma jistax jiġi eżegwit billi titwarrab il-klawżola inġusta msemmija fil-punt 12 ta' din is-sentenza.

17 Fir-rigward tal-effetti legali tad-dikjarazzjoni ta' invalidità ta' dan il-kuntratt, l-imsemmija qorti tirrileva li l-ġurisprudenza Ungeriża ssegwi fil-parti l-kbira tagħha l-pożizzjoni adottata mill-korp konsultattiv tal-Kúria (il-Qorti Suprema, l-Ungerija), fl-opinjoni tiegħu tad-19 ta' Ġunju 2019, li ma hijiex formalment vinkolanti.

18 Skont din l-opinjoni, l-unika konsegwenza ġuridika li tista' tiġi applikata meta kuntratt ta' self jinkludi klawżola inġusta li tqiegħed ir-riskju tal-kambju fuq il-konsumatur hija "dikjarazzjoni ta' validità" skont id-dritt Ungeriż.

19 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tispjega li huwa biss meta l-motiv ta' invalidità ta' kuntratt ma jkunx jista' jiġi eliminat li l-qorti adita tista' tiddikjara dan il-kuntratt bħala provviżorjament applikabbli sad-data li fiha tagħti d-deċiżjoni tagħha, li hija neċessarjament marbuta max-xoljiment tal-imsemmi kuntratt għall-futur. F'dan il-kuntest, it-tneħħija tal-kawża tal-invalidità timplika, għall-konsumatur, l-eliminazzjoni tar-riskju tal-kambju kollu li jirriżulta mill-klawżola inġusta kkonċernata (konverżjoni tas-self f'forint Ungeriżi minn qorti), jew ta' parti minnu (stabbiliment ta' limitu massimu tar-riskju tal-kambju minn qorti), permezz tal-modifika effettiva tal-kontenut tal-istess kuntratt. Għaldaqstant, l-ebda waħda mill-partijiet ma tibbenefika minn vantaġġ patrimonjali sproporzjonat.

20 Madankollu, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, fid-dawl b'mod partikolari tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 93/13, tali approċċ huwiex kompatibbli ma' din id-direttiva.

21 Barra minn hekk, din il-qorti tistaqsi dwar il-possibbiltà, għall-qorti nazzjonali, li tiddikjara validu kuntratt ta' self li jinkludi klawżola inġusta li tqiegħed ir-riskju tal-kambju fuq il-konsumatur, u li tissostitwixxi din il-klawżola inġusta bid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili li jikkonċernaw il-munita tar-rimbors ta' self, il-ħlas ta' interessi fir-relazzjonijiet kuntrattwali u d-determinazzjoni tar-rata ta' interessi.

22 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Győri Ítélőtábla (il-Qorti tal-Appell Reġjonali ta' Győr) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-[Direttiva 93/13], jipprekludu interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali skont liema l-konsegwenzi ġuridiċi misluta mill-invalidità li tirriżulta minn klawżola inġusta applikata f'kuntratt konkluż ma' konsumatur, fil-każ li l-klawżola kklassifikata bħala inġusta tolqot is-suġġett prinċipali tas-servizz u, konsegwentement, il-kuntratt (ta' self) ma jistax jiġi eżegwit billi titwarrab il-kundizzjoni kklassifikata bħala inġusta, huma li l-qorti nazzjonali, wara li tkun iddikjarat il-kuntratt invalidu fit-totalità tiegħu – fi kliem ieħor li l-kuntratt innifsu, fit-totalità tiegħu, ma jistax jinżamm u jipproduċi effetti legali vinkolanti għall-konsumatur –,
   a) tiddikjara l-kuntratt validu billi tissostitwixxi l-munita tal-kont tas-self mogħti li tikkostitwixxi s-suġġett prinċipali tal-kuntratt bil-forint Ungeriż u billi tissostitwixxi l-ammont iddenominat fil-munita tal-kont bl-ammont f'forint effettivament miksub mingħand il-kreditur mill-konsumatur, u billi tiddetermina l-interessi pagabbli, fuq l-ammont prinċipali stabbilit b'dan il-mod, b'mod differenti wkoll minn dawk li jirriżultaw mill-kuntratt iddikjarat invalidu (li dawn jissostitwixxu), jiġifieri b'tali mod li r-rata 'inizjali' fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt hija ugwali għall-valur tar-rata ta' interessi tas-self interbankarju f'forint ta' Budapest bħala rata ta' interessi ta' referenza (BUBOR) miżjuda bil-marġni ta' interessi ddefinit fil-kuntratt oriġinali (iddenominat f'munita barranija);

b) tiddikjara l-kuntratt validu billi tillimita r-rata tal-kambju bejn il-munita barranija u l-forint Ungeriż, jiġifieri billi tnaqqas ir-riskju tal-kambju effettivament assunt mill-konsumatur, iżda li huwa affettwat mill-klawżola inġusta tal-kuntratt, għal livell meqjus bħala raġonevoli mill-qorti u li jista' jitqies li jikkorrispondi għal dak li seta' jiġi kkunsidrat mill-konsumatur fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt, billi tħalli mhux mibdula r-rata ta' interessi stabbilita fil-kuntratt sad-data tal-konverżjoni f'forint prevista b'mod vinkolanti minn liġi sussegwenti?

2) Il-fatt li d-dikjarazzjoni ta' validità applikata skont id-dritt Ungeriż
   a) jew issir f'sitwazzjoni ta' fatt li fiha għad hemm kuntratt eżistenti bejn il-partijiet, jiġifieri li ż-żamma tal-kuntratt għandha l-għan li tista' tinżamm għall-futur ir-relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet billi jiġu kkoreġuti b'mod retroattiv il-klawżoli kklassifikati bħala inġusti – billi s-servizzi pprovduti sa dak iż-żmien jiġu kkalkolati mill-ġdid fid-dawl tal-klawżoli emendati – u, b'dan il-mod, li l-konsumatur jiġi protett mill-konsegwenzi partikolarment dannużi li jkun jimplika l-obbligu ta' rimbors immedjat f'ammont wieħed;
   b) jew issir f'sitwazzjoni ta' fatt li fiha l-kuntratt bejn il-partijiet li għandu jiġi eżaminat fil-kuntest tat-tilwima fid-dawl ta' klawżola kuntrattwali inġusta ma għadux jeżisti – għaliex it-terminu previst tal-kuntratt diġà skada jew għaliex il-kreditur diġà xoljieh qabel għar-raġuni li l-pagamenti mensili ma tħallsux jew għaliex l-ammont imħallas tqies bħala insuffiċjenti mill-imsemmi kreditur, jew inkella, indipendentement minn dan kollu, għaliex ebda waħda mill-partijiet ma tqisu bħala validu, jew l-invalidità tiegħu ma tistax tibqa' tiġi kkontestata minħabba deċiżjoni ġudizzjarja –, jiġifieri f'sitwazzjoni li fiha d-dikjarazzjoni ta' validità tal-kuntratt b'effett retroattiv ma sservix sabiex jinżamm il-kuntratt fl-interess tal-konsumatur, iżda sabiex tippermetti li jiġu saldati l-obbligi reċiproċi u li tiġi mitmuma r-relazzjoni ġudizzjarja billi tiġi kkorreġuta jew kkorreġuti l-klawżola jew il-klawżoli kklassifikati bħala inġusti, huwa rilevanti fir-rigward tar-risposta [għall-ewwel domanda]?

3) Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposta affermattiva [għall-ewwel domanda], fid-dawl tal-aspetti mqajma [fit-tieni domanda], id-dispożizzjonijiet ikkonċernati tad-direttiva ċċitata iktar 'il fuq jipprekludu, fis-sitwazzjoni ta' fatt deskritta fil-punt (a) [tat-tieni domanda], iż-żamma tal-kuntratt sad-data tal-modifika prevista mil-leġiżlatur f'liġi dwar il-konverżjoni f'forint, billi [id-dispożizzjonijiet invalidi tal-kuntratt] jiġu ssostitwiti bid-dispożizzjonijiet legali skont liema:

   – ħlief fil-każ ta' stipulazzjoni kuntrarja (invalida f'dan il-każ), dejn ta' somma flus għandu jitħallas fil-munita legali fil-post tal-ħlas;

   – fir-relazzjonijiet kuntrattwali, ħlief fil-każ ta' eċċezzjonijiet previsti mil-liġi, huma dovuti interessi;

   – ir-rata ta' interessi applikabbli hija, ħlief fil-każ ta' eċċezzjonijiet previsti mil-liġi, ugwali għar-rata bażika tal-bank ċentrali?"

Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari

23 AxFina u l-Gvern Ungeriż esprimew dubji dwar l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari.

24 Skont AxFina, il-qorti tar-rinviju qiegħda titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tevalwa l-kompatibbiltà tad-dritt Ungeriż mad-dritt tal-Unjoni, fatt li jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni esklużiva ta' din il-qorti. Barra minn hekk, id-domandi magħmula ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' ċarezza u ta' preċiżjoni stabbiliti fl-Artikolu 94(c) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. Dan huwa l-każ, minn naħa, fir-rigward tar-raġunijiet li wasslu lill-imsemmija qorti sabiex tagħmel dawn id-domandi u, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-identifikazzjoni tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni rilevanti fil-kuntest tat-tieni domanda magħmula.

25 Il-Gvern Ungeriż huwa tal-opinjoni li din it-tieni domanda hija ipotetika, peress li tirrigwarda ipoteżi estranja għar-realtà tal-kawża prinċipali, jiġifieri dik li fiha jeżisti kuntratt bejn il-bejjiegħ jew il-fornitur u l-konsumatur ikkonċernat.

26 Għandu jitfakkar li, sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tagħti interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tkun utli għall-qorti nazzjonali, l-Artikolu 94(c) tar-Regoli tal-Proċedura jeżiġi li t-talba għal deċiżjoni preliminari tinkludi l-espożizzjoni tar-raġunijiet li wasslu lill-qorti tar-rinviju sabiex ikollha dubji dwar l-interpretazzjoni jew il-validità ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll il-konnessjoni li hija tistabbilixxi bejn dawn id-dispożizzjonijiet u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-kawża prinċipali (sentenza tal-31 ta' Marzu 2022, Lombard Lízing, C-472/20, EU:C:2022:242, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, hija biss il-qorti nazzjonali li quddiemha titressaq il-kawża u li għandha tagħti d-deċiżjoni li għandha tevalwa, fir-rigward taċ-ċirkustanzi tal-kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħti s-sentenza tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja, li jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza. Għaldaqstant, peress li d-domanda magħmula tirrigwarda l-interpretazzjoni jew il-validità ta' regola tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, bħala prinċipju, hija marbuta li tagħti deċiżjoni, ħlief jekk ikun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba ma għandha l-ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha l-punti ta' fatt u ta' liġi meħtieġa sabiex tirrispondi b'mod utli għal din id-domanda (sentenza tal-31 ta' Marzu 2022, Lombard Lízing, C-472/20, EU:C:2022:242, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 Skont ġurisprudenza stabbilita huwa paċifiku wkoll li, fil-kuntest tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 267 TFUE, ibbażata fuq separazzjoni ċara tal-funzjonijiet bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, hija biss il-qorti nazzjonali li għandha ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta u tapplika dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali, filwaqt li l-Qorti tal-Ġustizzja biss hija awtorizzata tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni jew il-validità ta' test tal-Unjoni, abbażi tal-fatti li huma indikati lilha mill-qorti nazzjonali (sentenza tal-31 ta' Marzu 2022, Lombard Lízing, C-472/20, EU:C:2022:242, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-kawża prinċipali tirrigwarda l-konsegwenzi ġuridiċi tad-dikjarazzjoni ta' invalidità ta' kuntratt ta' self iddenominat f'munita barranija, iżda rimborsabbli fil-munita nazzjonali, u li din l-invalidità tirriżulta min-natura inġusta ta' klawżola ta' dan il-kuntratt li tqiegħed ir-riskju tal-kambju fuq il-konsumatur. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tixtieq, permezz tat-tliet domandi preliminari tagħha, tiddetermina jekk l-approċċ li jikkonsisti f'li tiġi segwita l-opinjoni tal-korp konsultattiv tal-Kúria (il-Qorti Suprema), tad-19 ta' Ġunju 2019, li tgħid li l-qrati nazzjonali għandhom jiddikjaraw validu tali kuntratt billi jadattaw l-obbligi tal-konsumatur permezz ta' emenda tal-kontenut tiegħu, huwiex konformi mad-Direttiva 93/13.

30 Għal dak li jirrigwarda b'mod iktar partikolari t-tieni domanda, għandu jiġi ppreċiżat li, minn naħa, fost l-ipoteżijiet imsemmija f'din id-domanda hemm ukoll is-sitwazzjoni fejn ma jkunx jeżisti iktar kuntratt bejn il-bejjiegħ jew il-fornitur u l-konsumatur ikkonċernati u li, min-naħa l-oħra, dawn l-ipoteżijiet jikkompletaw dawk imsemmija fl-ewwel domanda, li tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 6(1) u tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13.

31 Fid-dawl ta' dawn l-elementi, ma jidhirx b'mod manifest li d-domandi magħmula huma irrilevanti għall-finijiet tas-soluzzjoni tal-kawża prinċipali jew li l-problema mqajma hija ta' natura ipotetika.

32 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija ammissibbli.

Fuq id-domandi preliminari

33 Preliminarjament, mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li l-klawżola kuntrattwali kklassifikata bħala inġusta mill-qorti tar-rinviju tqiegħed ir-riskju tal-kambju fuq il-konsumatur. Skont din il-qorti, din il-klawżola tirrigwarda s-suġġett prinċipali tal-kuntratt ta' self inkwistjoni fil-kawża prinċipali, b'tali mod li l-konstatazzjoni tan-natura inġusta tal-imsemmija klawżola wasslitha sabiex tiddikjara dan il-kuntratt invalidu. Huwa f'dan il-kuntest li l-imsemmija qorti tistaqsi dwar il-konsegwenzi li għandhom jinsiltu mill-invalidità tal-imsemmi kuntratt għall-perijodu mid-data tal-konklużjoni tiegħu fit-13 ta' Frar 2008 sal-1 ta' Frar 2015, liema data tikkorrispondi għat-terminu previst mil-leġiżlazzjoni Ungeriża għall-konverżjoni f'munita nazzjonali tal-kuntratti ta' self iddenominati f'munita barranija.

34 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandha tingħata risposta għad-domandi magħmula.

Fuq l-ewwel u t-tieni domanda

35 Permezz tal-ewwel u tat-tieni domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li dawn id-dispożizzjonijiet jipprekludu li, meta klawżola li tqiegħed ir-riskju tal-kambju fuq il-konsumatur twassal, minħabba n-natura inġusta tagħha, għall-invalidità tal-kuntratt ta' self iddenominat f'munita barranija, iżda rimborsabbli f'munita nazzjonali, li fih tkun tinsab din il-klawżola, dan il-kuntratt jiġi ddikjarat validu u l-kontenut tal-obbligi tal-konsumatur li jirriżultaw mill-imsemmija klawżola jiġi adattat permezz tat-tibdil tal-munita tal-imsemmi kuntratt u tar-rata ta' interessi stabbilita fih jew permezz tal-istabbiliment ta' limitu massimu tar-rata tal-kambju ta' din il-munita.

36 Qabelxejn, għandu jiġi rrilevat li, fin-nuqqas ta' elementi suffiċjenti fid-deċiżjoni tar-rinviju fir-rigward tar-rilevanza, sabiex tingħata risposta għall-ewwel u għat-tieni domanda, tal-fatt li d-dikjarazzjoni ta' validità tal-kuntratt ta' self inkwistjoni u l-adattament tal-obbligi tal-konsumatur li jirriżultaw mill-klawżola ta' dan il-kuntratt meqjusa inġusta huma intiżi sabiex jippermettu lill-qorti nazzjonali tirregola l-obbligi reċiproċi tal-bejjiegħ jew tal-fornitur ikkonċernat kif ukoll sabiex ittemm ir-relazzjoni ġuridika eżistenti bejn dawn tal-aħħar, ma hemmx lok li dawn iż-żewġ domandi jiġu eżaminati fid-dawl ta' din iċ-ċirkustanza.

37 Madankollu, fl-ewwel lok, għal dak li jirrigwarda l-konsegwenzi tal-konstatazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali, għandu jitfakkar li l-għan imfittex mil-leġiżlatur tal-Unjoni fil-kuntest tad-Direttiva 93/13 jikkonsisti fl-istabbiliment mill-ġdid tal-bilanċ bejn il-partijiet,

filwaqt li tinżamm, bħala prinċipju, il-validità tal-kuntratt kollu, u mhux li jiġu annullati l-kuntratti kollha li fihom klawżoli inġusti (sentenza tal-31 ta' Marzu 2022, Lombard Lízing, C-472/20, EU:C:2022:242, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 Għal dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li meta l-qorti nazzjonali tikkonstata n-nullità ta' klawżola inġusta f'kuntratt konkluż bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur, din il-qorti ma tistax tikkompleta dan il-kuntratt billi tirrevedi l-kontenut ta' din il-klawżola (sentenza tal-25 ta' Novembru 2020, Banca B., C-269/19, EU:C:2020:954, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 Għaldaqstant, klawżola kuntrattwali ddikjarata inġusta għandha titqies, bħala prinċipju, li qatt ma eżistiet, b'mod illi hija ma jista' jkollha ebda effett fuq il-konsumatur. Għaldaqstant, il-konstatazzjoni ġudizzjarja tan-natura inġusta ta' tali klawżola għandha, bħala prinċipju, ikollha bħala konsegwenza l-istabbiliment mill-ġdid tas-sitwazzjoni fid-dritt u fil-fatt li l-konsumatur kien ikun fiha fl-assenza ta' din il-klawżola, b'mod partikolari billi tistabbilixxi dritt għar-restituzzjoni tal-vantaġġi miksuba indebitament, għad-detriment tiegħu, mill-bejjiegħ jew mill-fornitur fuq il-bażi tal-imsemmija klawżola inġusta (sentenza tal-31 ta' Marzu 2022, Lombard Lízing, C-472/20, EU:C:2022:242, punti 50 u 55 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

40 Fil-fatt, kif irrilevat il-Qorti tal-Ġustizzja, li kieku l-qorti nazzjonali tkun tista' tirrevedi l-kontenut tal-klawżoli inġusti li jinsabu f'kuntratt konkluż bejn konsumatur u bejjiegħ jew fornitur, tali possibbiltà tkun tista' tippreġudika t-twettiq tal-għan fuq żmien twil imsemmi fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13, li huwa li jitwaqqaf l-użu tal-klawżoli inġusti f'tali kuntratti. Din il-possibbiltà tkun qiegħda tikkontribwixxi sabiex jiġi eliminat l-effett dissważiv eżerċitat fuq bejjiegħa jew fornituri bin-nuqqas pur u sempliċi ta' applikazzjoni fir-rigward tal-konsumatur ta' tali klawżoli inġusti, sa fejn dawn jibqgħalhom it-tentazzjoni li jużaw dawn il-klawżoli, minħabba li jkunu jafu li, anki li kieku dawn kellhom jiġu ddikjarati invalidi, il-kuntratt ikun jista' madankollu jiġi kkompletat, kif meħtieġ, mill-qorti nazzjonali b'tali mod li jiġu għaldaqstant iggarantiti l-interessi tal-imsemmija bejjiegħa jew fornituri (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Marzu 2020, Gómez del Moral Guasch, C-125/18, EU:C:2020:138, punt 60 u l-ġurisprudenza ċċitata).

41 Għaldaqstant, sabiex ma jiġix ippreġudikat dan l-għan, il-qorti nazzjonali ma tistax tirrimedja l-invalidità ta' kuntratt, li tirriżulta min-natura inġusta ta' klawżola inkluża fih, billi tiddikjara dan il-kuntratt validu kif ukoll tibdel simultanjament il-munita ta' dan tal-aħħar u r-rata ta' interessi stabbilita fl-imsemmi kuntratt, jew billi tistabbilixxi limitu massimu tar-rata tal-kambju ta' din il-munita. Tali intervent mill-qorti jwassal, b'mod definittiv, għal reviżjoni tal-kontenut ta' din il-klawżola u, konsegwentement, imur kontra l-ġurisprudenza ċċitata fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza.

42 Fit-tieni lok, mill-ġurisprudenza jirriżulta madankollu li meta, bħal f'dan il-każ, il-kuntratt ta' self inkwistjoni għandu jiġi annullat kollu kemm hu wara t-tneħħija ta' klawżola inġusta tiegħu, tali klawżola tista', eċċezzjonalment, titħassar u tiġi ssostitwita b'dispożizzjoni ta' dritt nazzjonali ta' natura supplimentari jew applikabbli fil-każ ta' ftehim bejn il-partijiet. Tali possibbiltà hija limitata għall-każijiet li fihom l-annullament tal-kuntratt kollu kemm hu jesponi lill-konsumatur għal konsegwenzi partikolarment dannużi, b'tali mod li dan tal-aħħar jiġi ppenalizzat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-31 ta' Marzu 2022, Lombard Lízing, C-472/20, EU:C:2022:242, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 Huwa minn din il-perspettiva li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-qorti nazzjonali għandha tkun f'pożizzjoni li tilqa', jekk ikun il-każ, talba intiża għall-annullament ta' kuntratt ta' self ibbażata fuq in-natura inġusta ta' klawżola dwar ir-riskju tal-kambju, meta jiġi kkonstatat li din il-klawżola hija inġusta u li dan il-kuntratt ma jistax jibqa' jeżisti mingħajr l-imsemmija klawżola (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Marzu 2019, Dunai, C-118/17, EU:C:2019:207, punt 56).

44 F'dan il-kuntest, għandu jiġi rrilevat ukoll li, meta l-qorti nazzjonali tqis li l-annullament tal-kuntratt ta' self inkwistjoni jkollu l-konsegwenza li jippenalizza lill-konsumatur, fis-sens tal-ġurisprudenza msemmija fil-punt 42 ta' din is-sentenza, is-sostituzzjoni tal-klawżola inġusta kkonċernata b'dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali ta' natura supplimentari ma tikkostitwixxix l-unika konsegwenza konformi mad-Direttiva 93/13 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Novembru 2020, Banca B., C-269/19, EU:C:2020:954, punti 39 u 40).

45 Għalhekk, l-assenza ta' dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali ta' natura supplimentari jew ta' dispożizzjoni applikabbli fil-każ ta' ftehim bejn il-partijiet għall-kuntratt ta' self inkwistjoni li tista' tissostitwixxi l-klawżoli inġusti kkonċernati, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, sa fejn il-konsumatur ma jkunx esprima x-xewqa tiegħu li jżomm dawn il-klawżoli inġusti u sa fejn l-annullament ta' dan il-kuntratt jesponi lil dan il-konsumatur għal konsegwenzi partikolarment dannużi, il-livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, li għandu jiġi żgurat skont id-Direttiva 93/13, jeżiġi li, sabiex il-bilanċ reali bejn id-drittijiet u l-obbligi reċiproċi tal-partijiet kontraenti jiġi stabbilit mill-ġdid, il-qorti nazzjonali għandha tieħu, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni d-dritt nazzjonali tagħha fl-intier tiegħu, il-miżuri kollha neċessarji sabiex tipproteġi lill-konsumatur mill-konsegwenzi partikolarment dannużi li l-annullament tal-kuntratt ta' self inkwistjoni jista' jikkawża, b'mod partikolari minħabba l-eżiġibbiltà immedjata tal-kreditu tal-bejjiegħ jew tal-fornitur fil-konfront tiegħu (sentenza tal-31 ta' Marzu 2022, Lombard Lízing, C-472/20, EU:C:2022:242, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata).

46 Huwa għalhekk li, f'ċirkustanzi speċifiċi, il-Qorti tal-Ġustizzja setgħet b'mod partikolari tqis li xejn ma jipprekludi lill-qorti nazzjonali milli tistieden lill-partijiet jinnegozjaw, bil-kundizzjoni li hija tiffissa l-qafas ta' dawn in-negozjati u li dawn ikunu intiżi sabiex jistabbilixxu bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet kontraenti bilanċ reali li b'mod partikolari jieħu inkunsiderazzjoni l-għan tal-protezzjoni tal-konsumatur li fuqu hija bbażata d-Direttiva 93/13 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Novembru 2020, Banca B., C-269/19, EU:C:2020:954, punt 42).

47 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li jekk, fid-dawl tan-natura tal-kuntratt ta' self inkwistjoni, il-qorti nazzjonali tqis li ma huwiex possibbli li l-partijiet jerġgħu jitqiegħdu fis-sitwazzjoni li kienu jkunu fiha li kieku dan il-kuntratt ma kienx ġie konkluż, hija għandha tiżgura li l-konsumatur ikun jinsab finalment fis-sitwazzjoni li kien ikun fiha li kieku l-klawżola meqjusa inġusta qatt ma eżistiet (sentenza tal-31 ta' Marzu 2022, Lombard Lízing, C-472/20, EU:C:2022:242, punt 57).

48 Konsegwentement, huwa b'mod partikolari possibbli għall-qorti nazzjonali, sabiex tissalvagwardja l-interessi tal-konsumatur, li tordna rimbors favurih tas-somom indebitament irċevuti mill-persuna li ssellef abbażi tal-klawżola meqjusa inġusta, peress li tali rimbors iseħħ abbażi tal-arrikkiment indebitu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-31 ta' Marzu 2022, Lombard Lízing, C-472/20, EU:C:2022:242, punt 58).

49 Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li s-setgħat tal-qorti ma jistgħux jestendu lil hinn minn dak li huwa strettament neċessarju sabiex jiġi stabbilit mill-ġdid il-bilanċ kuntrattwali bejn il-partijiet għall-kuntratt u b'hekk jiġi protett il-konsumatur mill-konsegwenzi partikolarment dannużi li l-annullament tal-kuntratt ta' self inkwistjoni jista' jikkawża (sentenza tal-31 ta' Marzu 2022, Lombard Lízing, C-472/20, EU:C:2022:242, punt 59).

50 Konsegwentement, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel u għat-tieni domanda hija li l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn id-dispożizzjonijiet jipprekludu li, meta klawżola li tqiegħed ir-riskju tal-kambju fuq il-konsumatur twassal, minħabba n-natura inġusta tagħha, għall-invalidità tal-kuntratt ta' self iddenominat f'munita barranija, iżda rimborsabbli f'munita nazzjonali, li fih tkun tinsab din il-klawżola, dan il-kuntratt jiġi ddikjarat validu u l-kontenut tal-obbligi tal-konsumatur li jirriżultaw mill-imsemmija klawżola jiġi adattat permezz tat-tibdil tal-munita tal-imsemmi kuntratt u tar-rata ta' interessi stabbilita fih jew permezz tal-istabbiliment ta' limitu massimu tar-rata tal-kambju ta' din il-munita.

Fuq it-tielet domanda

51 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 għandux jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni tipprekludi li, meta klawżola li tqiegħed ir-riskju tal-kambju fuq il-konsumatur twassal, minħabba n-natura inġusta tagħha, għall-invalidità ta' kuntratt ta' self iddenominat f'munita barranija, iżda rimborsabbli f'munita nazzjonali, li fih tinsab din il-klawżola, dan il-kuntratt, matul il-perijodu mid-data tal-konklużjoni tiegħu sa dik tad-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-konverżjoni f'munita nazzjonali tal-kuntratti ta' self iddenominati f'munita barranija, jinżamm fis-seħħ billi l-imsemmija klawżola tiġi ssostitwita b'dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jikkonċernaw il-munita tar-rimbors ta' self, il-ħlas tal-interessi fir-relazzjonijiet kuntrattwali u d-determinazzjoni tar-rata ta' interessi.

52 Kif ġie rrilevat fil-punt 42 ta' din is-sentenza, għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet lill-qorti nazzjonali l-possibbiltà li tissostitwixxi klawżola inġusta ta' kuntratt ta' self b'dispożizzjoni ta' dritt nazzjonali ta' natura supplimentari, din il-possibbiltà hija madankollu limitata għall-każijiet eċċezzjonali, jiġifieri għall-każijiet li fihom id-dikjarazzjoni ta' invalidità ta' din il-klawżola inġusta tobbliga lill-qorti tannulla dan il-kuntratt kollu kemm hu u b'hekk tesponi lill-konsumatur ikkonċernat għal konsegwenzi partikolarment dannużi, b'tali mod li dan tal-aħħar jiġi ppenalizzat.

53 Madankollu, tali possibbiltà ta' sostituzzjoni, li hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li tgħid li l-kuntratt inkwistjoni jibqa' vinkolanti għall-partijiet biss jekk dan ikun jista' jibqa' jeżisti mingħajr il-klawżoli inġusti li jkun fih, hija limitata għad-dispożizzjonijiet tad-dritt intern ta' natura supplimentari jew applikabbli fil-każ ta' ftehim bejn il-partijiet u hija bbażata, b'mod partikolari, fuq ir-raġuni li tali dispożizzjonijiet huma intiżi li ma jinkludux klawżoli inġusti (sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Dziubak, C-260/18, EU:C:2019:819, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata).

54 Fil-fatt, dawn id-dispożizzjonijiet huma preżunti li jirriflettu l-bilanċ li l-leġiżlatur nazzjonali ried jistabbilixxi bejn id-drittijiet u l-obbligi kollha tal-partijiet f'ċerti kuntratti għall-każijiet fejn il-partijiet jew ma tbegħdux minn regola standard prevista mil-leġiżlatur nazzjonali għall-kuntratti kkonċernati, jew inkella espressament għażlu l-applikabbiltà ta' regola stabbilita mil-leġiżlatur nazzjonali għal dan il-għan (sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Dziubak, C-260/18, EU:C:2019:819, punt 60 u l-ġurisprudenza ċċitata).

55 Barra minn hekk, minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li l-lakuni ta' kuntratt, ikkawżati mit-tneħħija tal-klawżoli inġusti li jinsabu fih, ma jistgħux jiġu rrimedjati abbażi biss ta' dispożizzjonijiet nazzjonali ta' natura ġenerali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Dziubak, C-260/18, EU:C:2019:819, punt 62).

56 Konsegwentement, ir-risposta li għandha tingħata għat-tielet domanda hija li l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni tipprekludi li, meta klawżola li tqiegħed ir-riskju tal-kambju fuq il-konsumatur twassal, minħabba n-natura inġusta tagħha, għall-invalidità ta' kuntratt ta' self iddenominat f'munita barranija, iżda rimborsabbli f'munita nazzjonali, li fih tinsab din il-klawżola, dan il-kuntratt, matul il-perijodu mid-data tal-konklużjoni tiegħu sa dik tad-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-konverżjoni f'munita nazzjonali tal-kuntratti ta' self iddenominati f'munita barranija, jinżamm fis-seħħ billi l-imsemmija klawżola tiġi ssostitwita b'dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali ta' natura ġenerali, sa fejn tali dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali ma jistgħux jissostitwixxu b'mod utli l-istess klawżola b'sempliċi sostituzzjoni magħmula mill-qorti nazzjonali li ma teħtieġx intervent min-naħa tagħha, li jkun jammonta għal reviżjoni tal-kontenut ta' klawżola inġusta li tinsab fl-imsemmi kuntratt.

Fuq l-ispejjeż

57 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur,

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

dawn id-dispożizzjonijiet jipprekludu li, meta klawżola li tqiegħed ir-riskju tal-kambju fuq il-konsumatur twassal, minħabba n-natura inġusta tagħha, għall-invalidità tal-kuntratt ta' self iddenominat f'munita barranija, iżda rimborsabbli f'munita nazzjonali, li fih tkun tinsab din il-klawżola, dan il-kuntratt jiġi ddikjarat validu u l-kontenut tal-obbligi tal-konsumatur li jirriżultaw mill-imsemmija klawżola jiġi adattat permezz tat-tibdil tal-munita tal-imsemmi kuntratt u tar-rata ta' interessi stabbilita fih jew permezz tal-istabbiliment ta' limitu massimu tar-rata tal-kambju ta' din il-munita.

2) L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

din id-dispożizzjoni tipprekludi li, meta klawżola li tqiegħed ir-riskju tal-kambju fuq il-konsumatur twassal, minħabba n-natura inġusta tagħha, għall-invalidità ta' kuntratt ta' self iddenominat f'munita barranija, iżda rimborsabbli f'munita nazzjonali, li fih tinsab din il-klawżola, dan il-kuntratt, matul il-perijodu mid-data tal-konklużjoni

tiegħu sa dik tad-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-konverżjoni f'munita nazzjonali tal-kuntratti ta' self iddenominati f'munita barranija, jinżamm fis-seħħ billi l-imsemmija klawżola tiġi ssostitwita b'dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali ta' natura ġenerali, sa fejn tali dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali ma jistgħux jissostitwixxu b'mod utli l-istess klawżola b'sempliċi sostituzzjoni magħmula mill-qorti nazzjonali li ma teħtieġx intervent min-naħa tagħha, li jkun jammonta għal reviżjoni tal-kontenut ta' klawżola inġusta li tinsab fl-imsemmi kuntratt.

Firem